

Brussell, 23 ta' Diċembru 2016
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0406 (CNS)**

15817/16
ADD 2

FISC 241
IA 145

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Diċembru 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2016) 458 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-applikazzjoni temporanja ta' mekkaniżmu tar-reverse charge ġeneralizzat b'rabta mal-provvista ta' prodotti u servizzi 'l fuq minn ċertu livell limitu

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2016) 458 final.

Mehmuż: SWD(2016) 458 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.12.2016
SWD(2016) 458 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill

li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-applikazzjoni temporanja ta' mekkaniżmu tar-reverse charge ġeneralizzat b'rabta mal-provvista ta' prodotti u servizzi 'l fuq minn ċertu livell limitu

{COM(2016) 811 final}
{SWD(2016) 457 final}

Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt — Mekkaniżmu tar-reverse charge ġeneralizzat (GRCM)
A. Hija meħtieġa azzjoni
Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?
Xi Stati Membri (SM) huma affettwati ħafna aktar mill-frosi karusell (€ 50 biljun fl-UE), u dan huwa sforz id-dgħufija endemika tas-sistema tal-VAT preżenti (maħsuba biex tkun waħda ta' tranżizzjoni), li tippermetti li jkun hemm xiri transfruntier tal-oġġetti mingħajr ma titħallas VAT.
Għall-2017 hemm fil-ħsieb soluzzjoni fit-tul, kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-VAT. Fl-istess waqt, il-Kummissjoni qablet li tikkunsidra miżuri ta' deroga temporanji għad- Direttiva dwar il-VAT kif issuġġerew xi SM ¹ .
X'inhu mistenni li tikseb din l-inizjattiva?
<ol style="list-style-type: none"> 1) Tnaqqis fil-frodi tal-VAT, b'mod partikolari l-frodi karusell, f'xi SM. 2) Minimizzar taż-żieda ġenerali fil-piż amministrattiv (għan-negozji u l-amministrazzjonijiet tat-taxxa (TA)) 3) Evitar taċ-ċaqliq tal-frodi billi jkun żgurat li l-frodi tat-taxxa ma jimxix minn qasam wieħed għall-ieħor jew bejn l-SM.
X'inhu l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE?
L-applikazzjoni mill-SM ta' GRCM ma tistax tingħata skont il-leġiżlazzjoni preżenti tal-VAT ² u hemm il-ħtieġa li d-Direttiva dwar il-VAT tkun emendata.
B. Soluzzjonijiet
Liema huma l-alternattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li ġew ikkunsidrati? Teżisti xi għażla preferuta, jew le? Għaliex?
<ol style="list-style-type: none"> 1) Linja bażi, li tinkludi sistema definittiva għall-kummerċ intra-UE, toffri soluzzjoni koerenti u mifruxa mal-UE kollha għall-frodi karusell iżda l-effetti pożittivi tagħha jistgħu jiġu mistennija fuq terminu medju u twil biss. 2) Alternattiva 2b: Deroga biex il-GRCM ikun applikat għal SM magħżulin minn qabel fuq bażi volontarja. 3) Alternattiva 3b: deroga biex ikun applikat il-GRCM għal kwalunkwe SM fuq bażi volontarja u abbażi ta' kriterji predefiniti. <p>Alternattivi mwarrba: GRCM mingħajr limitu u l-alternattivi 21 u 3a, ibbażati fuq approċċ fakultattiv/settorjali.</p> <p>3B hija l-alternattiva preferuta għax toffri soluzzjoni fuq terminu qasir għal SM li huma affettwati partikolarment mill-frodi karusell. Din timminimizza l-impatti negattivi fuq is-suq intern (IM) billi tillimita ċ-ċaqliq tal-frodi bejn l-SM. Il-klawżola ta' salvagwardja tagħna tgħin jekk l-esperiment ikollu impatti negattivi fuq l-IM.</p>
Min jappoġġa liem alternattiva?
Il-biċċa l-kbira tal-organizzazzjonijiet tan-negozju ma jappoġġawx l-applikazzjoni ta' GRCM fi SM individwali peress li din iżżid b'mod sinifikanti l-ispejjeż ta' konformità ³ . Il-fehmiet tal-SM huma diverġenti: Xi wħud jaqblu filwaqt li oħrajn esprimew id-dubji tagħhom dwar kemm tkun effiċjenti ⁴ .
C. L-impatti tal-alternattiva ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella, x'inhuma l-vantaġġi ewlenin)?
3B mistennija tnaqqas il-frodi karusell fl-SM li japplikaw il-GRCM (SM GRCM) fuq terminu qasir kif ukoll

¹ Ara l-Minuti 17/6/16 tad-dikjarazzjoni Com lill-ECOFIN

² Derogi "normali" jistgħu jingħataw lill-SM (l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT). Madanakollu GRCM ma jistax jitqies bħala "deroga normali" hekk kif jimplika bidla fundamentali fis-sistema tal-VAT.

³ Pereżempju L-opinjoni tal-Grupp Espert dwar il-VAT ta' 20/5/16 u l-pjattaforma REFIT.

⁴ Pereżempju Il-laqqha tal-Grupp dwar il-Futur tal-VAT ta' 5/2/16.

tillimita ċ-ċaqliq tal-frodi lejn SM oħra. Dan jibqa', madanakollu, jiddependi mill-kapaċità tal-SM li jikkontrollaw il-GRCM u li jevitaw tipi ġodda ta' frodi.
X'inhuma l-ispejjeż involuti fl-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella, x'inhuma l-kosti ewlenin)?
L-ispejjeż ta' konformità tan-negozji mistennija li jiżdiedu fuq terminu qasir u twil. L-ispejjeż amministrattivi għat-TAs se jiddependu ħafna mil-livell attwali ta' tagħhom ta' effiċjenza li tiddependi mill-istruttura, l-organizzazzjoni u l-livell ta' kompjuterizzazzjoni ta' tagħhom.
Kif se jiġu affettwati n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?
In-negozji fi SM GRCM se jkollhom jadattaw u jikkonformaw mal-obbligi l-ġodda. Meta jkunu attivi wkoll fi SM mhux GRCM, se jkollhom jikkonformaw mar-regoli tal-VAT normali. In-negozji fl-SM GRCM se jkollhom sitwazzjoni tal-fluss tal-flus differenti ⁵ meta mqabbla ma' negozji fi SM oħrajn.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
It-tnaqqis tal-frodi karusell fl-SM GRCM jista' jiġi mistenni fuq terminu qasir jekk ikunu fis-seħħ biżżejjed kontrolli. Iċ-ċaqliq tal-frodi lejn SM oħrajn jiġi kkontrollat. Aktarx li jiżviluppaw riskji ta' frodi ġodda fl-SM GRCM jekk ma jkunx hemm biżżejjed kontrolli, iżda dan iseħħ fuq medda ta' żmien li ma jistax jibassar kemm se tkun twila. Huwa diffiċli li jkun ivvalutat l-impatt finali fuq il-frodi mingħajr esperjenza vera.
Se jkun hemm xi impatti sinifikanti oħrajn?
Le.
D. Segwitu
Il-politika meta se tiġi riveduta?
L-inizjattiva għandha klawżola ta' estinzjoni (5 snin). Il-Kummissjoni tista' tirrevokaha (il-klawżola ta' salvagwardja) jekk ikun hemm impatt negattiv fuq l-IM.

⁵ Skont il-GRCM, il-VAT tinġabar biss fl-aħħar tal-katina ta' forniment minflok f'kull stadju.